# Beati u Qaddisin...Dicembru

## San Frangisk Saverju 3 ta’ Dicembru

Dan il-pijunier tal-missjoni ta' zminijietna, patrun ta' l-Orjent sa mis-sena 178, ta' l-Opra Propagazzjoni tal-Fidi sa mis-sena 190, tal-missjonijiet kollha ma' Santa Tereza tal-Bamb in Gesu' sa mis-sena 1927, twieled minn genituri nobbli fis-7 ta' April tas-sena 1506 fil-kastell ta' Xavier gewwa Navarra fi Spanja.

Frangisku ma sarx la bniedem tal-ligi u anqas amministratur bhal missieru, anqas gwerrier bhal hutu l-kbar, izda bniedem t'Alla. Ghalhekk fis-sena 1525 mar gewwa l-Universita' ta' Parigi biex jitharreg fit-taghlim. Hemm iltaqa' ma' Injazju minn Loyola li minnu ghamel qaddis. Kemm-il darba l-qaddis Injazju qal lil Frangisku: "X'jiswielu l-bniedem li jakkwista' l-gid tad-dinja kollha imbaghad jitlef ruhu." Qabel ma beda l-istudju tat-teologija, ghamel irtir ta' 40 jum taht id-direzzjoni ta' Injazju u stqarr hekk lil Alla" O Alla kemm ghandi ghax nifrringrazzjak, ghax fil-providenza tieghek tajtni bhala kumpann lil Injazju li ghal bidu ftit li xejn kien simpatiku."



Gaetano Lapis, Morte di S. Francesco Saverio, 1735

Fil-15 ta' Awissu 1534 huwa flimkien mal-Loyola fil-knisja ta' Santa Marija

di Montemarte ghamel il-vot tal-kastita' u l-faqar u li jmur pellegrinagg fil-Palestina jew jekk dan ikun impossibli, jasal Ruma u joqghod ghad-dispozizzjoni tal-Papa. Kien l-ewwel fost il-hames membri tas-Socjeta' ta' Gesu' il-Gizwiti. Fi triqtu lejn Ruma ma' shabu huwa sabu ruhu impedut minn diversi penitenza li impona fuqu u kellu joqghod go Venezja ghal xi zmien fejn wettaq appostolat fost il-morda fl-isptar gol belt. Shabu stennewh jirkupra sahhtu biex jimxi.Kellhom hsieb li jmorru fl-art imqaddsa izda il-gwerra hassritilhom kull hsieb. F'Ruma Frangisku rega wettaq appostolat fost il-morda u zar il-habsin biex ithom il-kuragg. Huwa wkoll ta' appogg lill-foqra u ipprepara ruhu ghal-ordinazzjoni ma' l-ohrajn skond ix-xewqa tal-papa.

Frangisku mtbaghat minn Injazju f'missjoni gewwa l-Orjent fis-sena 1534 fejn ghal tnax-il sena shah hadem bla heda biex jirbah erwieh ghal Kristu. Kien jiekol ftit u jorqod tlett sighat biss. Alla tah id-don ta' l-ilsna u l-mirakli. Qajjem hafna nies mejta u kien maghruf li kien jghammed hafna nies li xtaq jhaddnu l-fidi kattolika. Stinka biex jibni diversi knejjes ghall-kult ta' l-insara. Il-vjagg tieghu missjunarji haduh gewwa l-Gappun u anke l-Indja fost postijiet ohra. Izda l-ghedewwa ta' Kristu kienu jobghoduh u hafna kemm felhu biex joskurawh ma' l-awtorita' izda b'imhabba kbira kien jirbah lil kulhadd.

Wara hidma intensiva missjunarja huwa miet fit-2 ta' Dicembru 1522 bil-kliem fuq fommu: Gesu Bin Davbid henn ghalija. O Vergni Omm Alla ftakar fija.

Il-Papa Pawlu V ibbeatifikah fil21 ta' Ottubru 1619 u Girgor XV ghamlu qaddis fit-12 ta' Marzu 1622.